MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1167/2002/1

**Mizzi Bros. Limited**

**vs**

**Arthur Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u disghin lira Maltija (Lm490.00), bilanc ta' prezz ta' mutur Mercury 10ML;**
**Bl-imghaxijiet minn Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.**
**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Thompson ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u disghin lira Maltija (Lm490.00) bl-imghax legali mill-31 ta' Ottubru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**